# *L-Armar u t-Tiżjin tal-Festa*

## *Fit-tieni kwart tas-seklu għoxrin bil-mixegħla tad-dawl elettriku, u tiżjin ieħor b'armar mikri*

Anton Said

L-armar u t-tiżjin tal-festa tal-Imnarja fin-Nadur fit-tieni kwart tas-seklu għoxrin kompla jikber u jinbidel b'ritmu mgħaġġel. Is-sena l-oħra [i] rajna kif fis-seklu dsatax, il-mixegħla fil-jiem tal-festa, kienet l-ewwel sinjal ta' tiżjin fin-Nadur. Ma' dan kien żdied it-tiżjin bil-ħbula tal-liedna. Dan kompla jikber bit-tiżjin bit-tazzi taż-żejt, li kienu jintramaw fuq iz-zuntier u kemxejn ftit 'il bogħod minn xulxin mat-toroq prinċipali. Filgħaxija dawn kienu joħolqu spettaklu sabiħ iżda mhux l-ewwel darba f'Ġunju li dawn imtlew bl-ilma tax-xita meta kien inzerta l-maltemp [ii]. Ma' dan ukoll rajna meta sar l-ewwel pedistal fil-Pjazza u statwa tad-Dimostrazzjoni fis-sena 1914, u kif sar l-akkwist tal-palk tal-banda fis-sena 1919. Ma' dan l-armar, kien hemm armar ieħor li ġeneralment kien jinkera li llum ser nagħtu ħarsa lejh aktar mill-qrib. Tmiem l-ewwel kwart tas-seklu għoxrin kien ukoll il-bidu modest tal-mixegħla bid-dawl elettriku permezz ta' ġeneratur li kompla jiżviluppa fis-snin ta' wara.

### L-Illuminazzjoni fil-jiem tal-festa: Il-lampi tad-dawl jieħdu post it-tazzi taż-żejt

Lejn l-aħħar kwart tas-seklu għoxrin għall-festa tal-Imnarja fin-Nadur flimkien mal-użu tat-tazzi taż-żejt, kien beda jsir użu wkoll minn ġeneratur li permezz tiegħu kienet issir il-mixegħla tad-dawl elettriku. F'dan iż-żmien l-użanza tal-mixegħla permezz ta' dan l-apparat kienet bdiet dieħla sewwa f'Għawdex, u bil-mod il-mod fejn kien applikabbli, din bdiet tieħu post l-użu tal-mixegħla bit-tazzi taż-żejt. Bħal kull ħaġa oħra ġdida, anke f'dan ir-rigward in-Nadurin kienu minn tal-ewwel li bdew jonfqu flejjes kbar għal dan is-servizz ġdid.

Mir-rendikont tal-festa tas-sena 1925 nistgħu nieħdu idea ċara dwar kif kien isir l-użu tat-tazzi taż-żejt fil-jiem tal-festa qabel ma' daħal id-dawl elettriku. Naraw li Spiru Mallia, li kif diġa` rajna qabel kien jieħu ħsieb li jikri u jarma dawn it-tazzi, f'din is-sena kien ipprovda ħames t'elef u tlieta u sebgħin tazza taż-żejt. Dawn kienu ġew armati mal-faċċata tal-Knisja Parrokkjali, mal-arkati li kienu jintramaw fuq iz-zuntier, kif ukoll mad-diversi hekk imsejħa piramidi li kienu jintramaw bit-tazzi fil-pjazza u mat-toroq tal-purċissjoni. Is-somma li tħallset f'din is-sena lil Spiru Mallia għal dawn, li kienet tinkludi ukoll il-kiri ta' tmienja u tletin trofew u spejjeż oħra ta' transport, kienet ta' £ 24.15.2. [iii].

Iż-żmien li din l-użanza tiġi bil-mod il-mod mibdula ma' oħra ta' mixegħla bid-dawl elettriku kien qorob. Hekk ġara meta fil-festa tal-Imnarja tas-sena 1926 sar użu mill-ġeneratur biex bih jinxtegħlu l-lampi tad-dawl fit-tlett ijiem tal-festa ta' madwar il-palk tal-banda u ta' bnadi oħra fil-qrib. L-ispiża għal din l-illuminazzjoni kienet laħqet £11. F'din is-sena tista' tgħid li l-illuminazzjoni fil-festa tal-Imnarja kienet magħmula mit-tliet ġeneri ta' mixegħla differenti. Dawn kienu, dik bikrija bin-nar li għaliha kienet intefqet is-somma ta' qrib £20, dik bit-tazzi taż-żejt, u dik bid-dawl elettriku permezz ta' ġeneratur. [iv]



*'L-Arkati' fuq iz-zuntier tal-Kolleġġjata tan-Nadur armati bit-tazzi taż-żejt qabel ma' fis-sena 1926 daħal l-użu tad-dawl elettriku.*

### Tinxtegħel il-Koppla bid-dawl elettriku

Il-festa tas-sena 1927 rat pass ieħor 'il quddiem f'dik li hi illuminazzjoni. F'din is-sena kienet ġiet mixgħula bid-dawl elettriku għall-ewwel darba l-koppla. Din l-inizjattiva flimkien mal-mixegħla l-oħra bit-tazzi taż-żejt u spejjeż oħra marbuta, kienet ġiet tiswa is-somma ta' £ 24.5,6., liema somma kienet titqies mhux żgħira għal dak iż-żmien. Mir-reġistri tal-ispejjeż tal-ħruġ tal-festa ta' din is-sena nafu li fil-ġranet tal-festa l-koppla kienet ġiet mixgħula erba` darbiet. Dan kien sar minn żewġ persuni: Paolo Galea u Vincenzo Farrugia li għal xogħolhom kienu tħallsu erba` xelini. Minn dawn ir-reġistri nafu ukoll li l-lampi użati għal din l-okkażjoni kienu magħmula mid-ditta *Wagner* li kienu swew £1.10. [v].

Jidher sewwa li l-illuminazzjoni bid-dawl elettriku wara s-sena 1927 kienet daħlet sewwa fin-Nadur. Fis-sena 1928 kienu saru diversi ħlasijiet konnessi ma' dan ix-xogħol. Dawn kienu flejjes imħallsa lil Salvu Mamo mill-Belt Valletta li kien inġieb apposta biex iħaddem il-ġeneratur, lil Guzeppe Dimech għal xogħol li għamel relatat mas-servizz tad-dawl, lil Angelo Fenech għal dekorazzjonijiet li għamel għad-dawl elettriku, u lil John Borg (Anamo Brothers Ltd) għal xiri ta' petrol




*Seklu Għoxrin*
*Ritratt antik tal-Kolleġġjata tan-Nadur mixgħula bil-lampi tad-dawl elettriku.*

Festa titolare del 1925.

Illuminazione. - Spiridione Mallia £24. 15. 2.

" Bicchieri nelle facciata 1925.

" " facc: chiesa 72.

" " nelle arcature 1000

14 Piramidi con 50 bicchieri 700.

11 Piram: con 40 bicchieri 440

8 Piram: con 25 bicchieri 200

8 Piram: del Palco con 7 56

7 Piramidi nella Piazzetta con 40 bicchieri 280.

8 Rosuni delle antichiole con 25 bicchieri 200.

10 Rosuni nella chiesa con 20 bicchieri 200.

Totale bicchieri N. 5073 @ 7/- = £17. 15. -

Globi 180 @ 2/1½ l'uno £. 2. 6.

Fitto delle Piramidi: N. 32 @ 2/10 l'uno £1. 6. 8.

Fitto dei Rosoni £- 4. -

Trofei 38 @ 2/10 l'uno £1. 11. 8.

Spese barca £1. 10. -

*Mir-Rendikont tal-Festa Titulari tas-Sena 1925.*
*Spejjeż ta' illuminazzjoni u kiri ta' armar li tħallsu lil Spiru Mallia.*



*Il-palk tal-banda armat bl-ornamenti tat-tazzi taż-żejt fis-sena 1926. Jidher ukoll il-festun tal-lampi ma' dan l-istess palk li kien jinxtegħel permezz ta' ġeneratur.*

mingħandu biex jitħaddem il-ġeneratur. F'din is-sena wkoll bħas-sena ta' qabel kienet saret il-mixegħla tal-koppla. [vi]

Iżda kuntrarjament għas-snin ta'qabel, 'Spiru tat-tazzi' f'din is-sena ma kienx ta s-soltu servizz tiegħu bħalma għamel għal tletin sena sħaħ. Dan ġara għal raġuni li minħabba xi armar ġdid li huwa kien għamel, Spiru kien għolla l-ħlas tiegħu. Għalhekk f'din is-sena dan ix-xogħol kien ingħata bi ħlas orħos lil Anglu Fenech min-Naxxar. [vii]. Mis-sena ta' wara, jiġifieri 1929, mir-reġistri tal-ħruġ tal-ispejjeż tal-festa jidher ċar li l-illuminazzjoni bit-tazzi taż-żejt kienet tista' tgħid waslet biex tiġi eliminata għal kollox u sostitwita bid-dawl elettriku, din id-darba mħaddma b'numru akbar ta' ġeneraturi pprovduti minn Salvu Mamo tal-Belt Valletta. L-istess Mamo kien ukoll matul il-jiem tal-festa jiġi ukoll ipprovdut fejn joqgħod. Dan għaliex hu kien il-persuna responsabbli għall-mixegħla ġenerali ta' dawn il-jiem. F'din is-sena kienu nkrew mingħandu erba` ġeneraturi li għalihom kienet tħallset is-somma ta' £ 30. Ma' dan kien hemm ukoll £ 1, 19, 6 bħala spejjeż għall-ġarr tagħhom lejn Malta. Ma' dan nafu li għall-akkomodazzjoni ta' Salvu Mamo fin-Nadur matul il-jiem tal-festa kienu tħallsu 14-il xelin lil Carmela Theuma. [viii]

### Permessi biex seta' jintrama l-Armar

Fl-imgħoddi bħalma jiġri anke llum, biex seta' jintrama l-armar fil-festa kien jintalab il-permess mingħand l-Awtoritajiet konċernati. Hekk naraw li fis-sena 1900 id-Dipartiment tax-Xogħlijiet Pubbliċi kien ħareġ permess lill-Kanonku Dun Martin Camilleri (aktar tard Arċipriet), wara talba li kien għamel fil-kapaċita` tiegħu ta' prokuratur biex fi *Strada Xandriku, Strada San Giovanni,* u *Strada Irjali* jagħmel blokok tas-samm bit-toqob biex fihom jitwaħħlu l-antarjoli. Snin ilu meta l-Pjazza kif ukoll Triq Diċembru 13 kienu qed jiġu asfaltati u jsiru l-bankini mill-ġdid, numru minn dawn il-blokok ġew miġbura u ppreservati mill-parroċċa b'tifkira ta' din l-epoka. [ix] Interessanti hu l-fatt li minn dawn sirna nafu li fihom minflok kienu jitwaħħlu antarjoli kif nafuhom illum, dak iż-żmien kienu jitwaħħlu seratizzi b'forma kwadra. Nafu ukoll li dawk tal-Pjazza kienu ftit akbar minn dawk ta' Triq Diċembru 13 minħabba l-importanza tagħha.

Aktar riċenti minn dan, eżempju ieħor minn fost ħafna permessi oħra huwa dak li ħareġ għall-festa ta' tlieta u tmenin sena ilu (1927) fi żmien l-Arċipriet Kan. Dun Ġużepp Cassar li jġib id-data tal-25 ta' Ġunju. Dan il-permess kien ingħata wara talba li kienet saret għat-twaħħil tal-antarjoli u tiżjin ieħor bil-kundizzjonijiet li x-xogħol kollu kellu jsir taħt is-superviżjoni tad-Dipartiment tax-Xogħlijiet, li l-armar kellu jitneħħa fi żmien għaxart ijiem wara l-festa, u li kellhom jissewwew u jingħalqu t-toqob li jkunu saru fit-toroq. Ma' dan kien hemm marbuta piena kemm-il darba li l-armar ma jitneħħix saż-żmien stabbilit. Din kienet multa ta' ħames xelini għal kuljum sakemm l-armar kollu jitneħħa. [x]

### Kiri ta' Armar minn Malta

Fiż-żmien li qed insemmu kienet drawwa, kif rajna aktar 'l quddiem li l-armar tal-festa jiġi mikri minn Malta. Dan kien isir mingħand Spiru Mallia. Minn korrispondenza li Anġlu Fenech, il-kuntrattur il-ġdid li kien ġie mibdul ma' Spiru fis-sena 1928 li jġib id-data tal-11 ta' Ġunju tal-imsemmija sena, għandna idea ta' x'tip ta' armar li kien jinkera għall-festa tal-Imnarja.



Illuminazione

| | | | |
|---|---|---|---|
| Luglio | 1 | A Spiridione Mallia | £ 21. 17. 6 |
| " | 13 | Per alloggio di detto - alla famiglia Cassar | 8. 0 |
| Giugno | 30 | al Sig. Lorenzo Pulis per lampade Wagner | 1. 10. 0 |
| Luglio | 24 | A Francesco Borg lattaio per fanali | 6. 0 |
| " | 5 | A Paolo Galea e Vincenzo Farrugia per aver illuminato la cupola quattro volte | £ 4. 0 |
| | | A D. Andrea Borg per trasporto di bicchierini etc da Malta | £24 5 6 |

*Mir-rendikont tal-festa.*
*L-ispejjeż li saru għall-illuminazzjoni għall-festa tas-sena 1927.*



303

Permission is hereby granted to Canon Martino Camilleri Procurator of the Parish Church at Nadur, Gozo, to lay in Vda Xiandrica, S. Giovanni, & Reale suitable holes for the fixing of poles, under the following conditions.

1st That these stones shall be laid under the direction & to the satisfaction of the Public Works Dept.

2nd That the above Revd gentleman & his successors shall be held responsible to keep the said stones in a good state of repair.

3rd That this permit shall hold good during the pleasure of the Govt.

Public Works Office
Valletta, 21st Sept. 1900

Superintendent.

19.9.900



*Kopja tal-permess maħruġ mill-Uffiċċju tax-Xogħlijiet lill-Kanonku Dun Martin Camilleri bħala Prokuratur fil-21 ta' Settembru 1900 biex dan ikun jista' jagħmel ġebel tas-samm bit-toqob fihom biex jitwaħħlu l-antarjoli f'Toroq: Xandriku, San Ġwann, u Strada Irjali, bil-kundizzjonijiet li dawn isiru taħt id-direzzjoni u l-kuntentizza tad-Dipartiment tax-Xogħlijiet u li għandhom jinżammu f'kundizzjoni tajba mill-imsemmi Dun Martin jew is-suċċessuri tiegħu.*

*(Arkivju Parrokkjali, Parroċċa ta' San Pietru u San Pawl, Nadur).*

Anġlu Fenech f'din l-ittra minbarra li ta dettalji dwar kif kellu jibgħat ix-xogħol tiegħu lejn Għawdex permezz tad-dgħajsa ta' Ġużepp *'Ta' Sinna'* fil-ġurnata tat-18 ta' Ġunju, f'din il-korrispondenza huwa staqsa kemm kellu jkun in-numru ta' piramidi u trofej flimkien ma' xi bżonnijiet oħra li kellu jibgħat lejn in-Nadur.[xi] Minn din il-korrispondenza jidher ċar li din il-bidla ma' affettwatx l-armar mikri għaliex dan baqa' xorta waħda tal-istess tip, jiġifieri piramidi u trofej simili għal dawk li kienu jinkrew mingħand 'Spiru tat-tazzi'. Din l-ispiża tista' tgħid hekk imsejħa żejda fis-snin tletin, sena wara sena bdiet tiġi mibdula ma' armar ieħor ġdid li beda jinħadem għall-post. F'dawn is-snin kif għad naraw f'aktar kitba 'l quddiem, it-toroq prinċipali tagħna bdew jilbsu libsa ġdida u jaraw armar ġdid u sabiħ minn dak li kien jiġi mikri, li biċċa minnu għadu jintuża ta' kull sena sal-ġurnata tal-lum.



*Il-faċċata tal-Kolleġġjata tan-Nadur armata fl-ewwel żmien bil-lampi tad-dawl elettriku minflok bit-tazzi taż-żejt. Ritratt meħud qrib is-sena 1930.*

Referenzi:

i) - Artikli oħra f'din is-sensiela: *'L-Armar u t-Tiżjin tal-Festa'*, *L-IMNARJA* - it-Tieni ħarġa Ġunju 2009. Paġni 52 - 58. ii) – Tagħrif mogħti lill-awtur minn Ġużeppi Magro [ta' 84 sena] li jiftakar sewwa t-tazzi taż-żejt. Ġużeppi jiftakar jisma' lil ommu tirrakkonta kif dawn darba waħda kienu mtlew bl-ilma tax-xita li kienet għamlet bil-qawwa fi żmien il-festa. Hu għadu jara ċar b'għajnejh lil ommu torbot il-weraq tal-ħarrub ma' xulxin. Dan il-weraq kien jinġieb mill-Qortin tan-Nadur permezz ta' żiemel, u kien jitqassam lil numru ta' familji li għal numru ta' ġranet qabel il-festa kienu jorbtuhom ma' xulxin biex jifformaw il-ħbula tal-liedna biex bihom jiżżejnu t-toroq. iii) – *Veneranda Lampada* Ħruġ Festa 1925. iv) – *'In-Nadur'* Alex Bonnici Vol II Paġna 363. v) – *Veneranda Lampada* Ħruġ Festa 1927. vi) - *Veneranda Lampada* Ħruġ Festa 1928. vii) – Ibid. viii) – *Veneranda Lampada* Ħruġ Festa 1929. ix) – Dawn kienu nġabru fuq inizjattiva ta' Dun Duminku Camilleri li wara ġew ippreservati mill-Parroċċa ma' bosta opri oħra tal-imgħoddi. x – Police Office, Victoria, Licence No. 14863 (25/6/1927) / *'In-Nadur'* Alex Bonnici Vol II paġna 412. xi- *'In-Nadur'* Vol II Alex Bonnici paġna 411/412.



*'Il-Pjazzetta', illum Pjazza l-Arċipriet Dun Martin Camilleri fil-jiem tal-festa. Ritratt meħud qrib is-sena 1926.*